MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' April, 2006

Talba Numru. 619/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Carmelo Dimech u digriet tal-11 ta' Mejju, 2005, gie kjamat in kawza Asfaltar Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Marzu, 2005 fejn intalab il-hlas ta' seba mija u seba' liri Maltin u sitt centezmi (Lm707.06) ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat kkagunati mill-konvenut lill-proprjeta` ta' l-istess socjeta` attrici fuq hsarat ta' cables fi Triq St.Albert, Gzira fis-16 ta' Ottubru, 2003 (GT3/2003/63 Inv.16063) skond kopja tieghu annessa mal-avviz u mmarkata Dok.A.**

**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.**
**Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra ufficjali, u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fl-1 ta' April, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur, peress illi huwa qatt ma ghamel xogholijiet fl-imsemmija triq fil-kapacita` personali izda kien impjegat ma' terz.**
**Illi l-konvenut qatt ma gie interpellat b'att gudizzjarju ghall-hlas.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra r-risposta pprezentata fl-4 ta' Lulju, 2005 mill-kjamat in kawza, Asfaltar Limited fejn intqal:**
**i. Illi s-socjeta` kjamata in kawza m'hijiex responsabbli ghad-danni reklamati fl-Avviz, u dan ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni reklamati huma in ogni caso eccessivi;**
**iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmelo Dimech, Paul Magro, Victor Busuttil u Carmel Azzopardi. Ra l-affidavits ta' Dr. Keith Grech, Victor Busuttil, Carmel Azzopardi, Ing.Ronald Cuschieri, Michelle Bonett. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi t-talba hija ghall-hlas fuq hsara f'cable tat-telefon f'St Albert Street, Gzira. Il-konvenut jghid li hu impjegat mas-socjeta` kjamata in kawza, u jghid ukoll li fejn grat il-hsara ma kienx gie mmarkat mis-socjeta` attrici.**
**2. Jirrizulta li l-applikazzjoni sabiex isiru x-xogholijiet kienet saret da parti tas-socjeta` kjamata in**

**kawza, skond ma jirrizulta mid-Dok.CD1 u CD2 datat 12 ta' Marzu, 2003. Skond l-«action trial report » Dok.CD3 et seq, fit-18 ta' Marzu, 2003 kienet saret ispezzjoni fuq il-post fejn kellhom isiru x-xogholijiet, u kien hemm stipulat li tlett ijiem qabel ma jibdew ix-xogholijiet kellhom jinfurmaw lis-socjeta` attrici.**

**3. Victor Busuttil, Senior Technical Officer mas-socjeta` attrici, jikkonferma li f'Ottubru, 2003 grat il-hsara fil-cables tas-socjeta` attrici, u jghid li l-hsara grat minn Carmelo Dimech li kien imqabbad mis-socjeta` kjamata in kawza. Jghid ukoll li s-socjeta` attrici ma gietx mitluba taghti l-permess biex ix-xoghol jkun jista' jsir, u lanqas ma ntalbet tmur timmarka fejn hemm cables. Dana huwa wkoll konfermat mix-xhud Carmel Azzopardi, impjegat mal-istess socjeta` attrici u mill-Inginier Ronald Cuschieri.**

**4. Paul Magro ghas-socjeta` kjamata in kawza jikkonferma li kienu taw ix-xoghol lill-konvenut, u dana bhala sub contractor. Dana kien responsabbli mhux biss ghall-iskavar izda wkoll li jara li ma jaghmilx hsarat ghall-pajpijiet/ cables li jkunu ghaddejjin fejn ikun qed isir ix-xoghol. Dana jikkonferma li Dimech mhux impjegat tas-socjeta` kjamata in kawza.**

**5. Il-konvenut jinsisti li tal-Maltacom kienu marru jimmarkaw fejn hemm cables, u jghid ukoll li kien hemm permessi ghax-xoghol u li s-socjeta` kjamata in kawza kienet applikat ghall-permessi.**

**6. Issa huwa minnhu li l-licenzja harget fuq Asfaltar Limited, liema socjeta` assenjat ix-xoghol lill-kuntrattur taghha.**

**7. Jirrizulta li Karmenu Azzopardi, overseer mas-socjeta` attrici, kien ltaqa' mal-konvenut fuq il-post u indikalu minn fejn ghaddejjin cables, pero` ma sarux « markings », peress li ma kienux hargu l-permessi mir-roads Department. Kien jispetta lil Dimech li jiforma lill Azzopardi meta kien ser jibda x-xogholijiet biex dan imur jimmarkalu, haga li jidher li l-konvenut m'ghamilx.**

**8. Fic-cirkostanzi jirrizulta pruvat li d-danni saru unikament tort tal-konvenut Carmelo Dimech, u li dan ghandu jirrispondi ghall-imsemmija danni. L-ammont**

**jirrizulta pruvat mix-xhieda prodotta mis-socjeta` attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jillibera lis-socjeta` kjamaa in kawza mill-osservanza tal-gudizzju, u jilqa’ t-talba attrici biss fil-konfront tal-konvenut Dimech, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ seba’ mija u seba’ liri maltin u sitt centezmi (Lm707.06), bl-imghaxijiet legali mill-21 ta’ Marzo, 2005.**
**L-ispejjez ta’ din l-istanza huma a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------